*Grazzi* speċjali għal kull min għen fl-organizzazzjoni tal-Festa ta' San Koronatu Martri: lis-saċerdoti tagħna u lill-predikaturi mistiedna, lill-abbatini, lill-kor u l-orkestra taħt id-direzzjoni ta' Antoine Theuma, lil min ħa ħsieb il-fjuri, lis-sagristani u l-voluntiera kollha li ħejjew l-Artal u t-tindif tal-knisja, lill-Banda Mnarja, lill-Kumitat tan-Nar, u l-Għaqdiet tal-armar li ħadu ħsieb idawlu t-toroq, u lill-Kunsill Lokali għat-tħejjijiet li għamel biex il-purċissjoni tgħaddi minn Triq Xandriku mingħajr xkiel. Kif tafu magħna kellna delegazzjoni numeruża mill-pajjiżi tal-Ewropa li ġiet milqugħa mill-Kunsill biex tirrappreżenta l-komunitajiet rurali Ewropej. Ta' min jinnota li wrew rispett u interess kbir fiċ-ċelebrazzjonijiet tradizzjonali tagħna, hekk li tajjeb nibqgħu nħarsuhom għax isaħħuna fil-valuri soċjali u fil-fidi reliġjuża li għaddewlna missirijietna. Inħeġġukom anki tkomplu tgħinuna permezz tal-envelopes li tqassmulkom fi djarkom.

**Ċelebrazzjonijiet Djoċesani ta' Kristu Re**

**Għall-adolexxenti (form 2 sa 6th form)** – nhar il-Ġimgħa 21 ta' Novembru, fit-8.00pm iċ-Ċittadella. Ikun hemm 3 żoni differenti li fihom jitwassal messaġġ. Wara jkollhom mument ta' fraternità u ikel għall-bejgħ.

**Għaż-żgħażagħ (18-35 sena)** – nhar is-Sibt 22 ta' Novembru, fit-8.30pm fil-Katidral ta' Għawdex. Isir ħsieb qasir u mixja lejn Ta' Pinu fejn ikellimhom l-Isqof u jkollhom mument għall-Qrar. Wara jiġi provdut trasport lura lejn il-Katidral.

**Pellegrinaġġ ġubilari djoċesan għal kulħadd** nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru fl-4.00pm minn ħdejn is-siġra (fil-bidu tat-triq) sas-Santwarju Ta' Pinu fejn issir quddiesa mill-Isqof Anton fuq iz-zuntier tal-Bażilika. Trasport mill-parroċċa jitlaq fit-3.15pm: bookings fl-Uffiċċju Parrokkjali sa nhar l-Erbgħa 19 ta' Novembru.

***Fil-parroċċa nhar il-Ħadd 23 ma ssirx il-quddiesa tal-5.00pm.***

**<u>Avviżi:</u>**

**Ġabra ta' Jum il-Karità** matul il-quddies ta' dan il-weekend, 15 u 16 ta' Novembru. Tistgħu tgħinu wkoll billi twasslu l-envelope li tqassam mal-bullettin tal-ġimgħa l-oħra. Permezz ta' dawn il-flus, iċ-Ċentru tal-Caritas Djoċesan, immexxi minn Dun Jimmy Xerri, ser ikun jista' jkompli jagħti diversi servizzi ta' saħħa, ikel, ħwejjeġ u għajnuna legali u soċjali lil-foqra ta' gżiritna.

Il-membri tal-Mużew tal-bniet javżaw li minn nhar it-Tnejn 17 sal-Ġimgħa 21 ta' Novembru, it-tfal ma jkollhomx duttrina peress li l-katekisti għandhom kors fuq l-awtiżmu organizzat mid-Djoċesi t'Għawdex.

**Quddiesa għall-benefatturi mejtin tal-Banda Mnarja** nhar it-Tlieta 18 ta' Novembru, fis-7.00pm, fil-Każin tal-Banda.

<u>Quddies fil-Kappella ta' S. Tereża ta' Kalkutta (Ċimiterju ta' Kenuna):</u>

**għal-leġjunarji mejtin**, nhar il-Ħamis 20 ta' Novembru, fl-4.00pm.

**għall-ex membri, plejers u sapporters** tan-Nadur Youngsters nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru fl-10.00am.

**Laqgħa ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard**, nhar l-Erbgħa 19 ta' Novembru, fis-5.45pm. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u li fiha Mons. Ġużeppi Farrugia ser ikellimna fuq il-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Kulħadd misteden. Il-laqgħa tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**Laqgħa għall-ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina** nhar il-Ħamis 20 ta' Novembru fis-7.00pm fil-Museum tas-subien. It-tfal ikollhom katekeżi speċjali għalihom fl-istess ħin fil-Mużew tas-subien stess.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am